**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 409/18 AGV**

A
Vs
B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi hija zzewwget lill-intimat B, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 365755, fit-8 ta' Dicembru, 1985 fil-Knisja Parrokkjali tas-Siggiewi, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tnejn, wiehed, disgha, tnejn zbarra elf disa' mija hamsa u tmenin (2192/1985) u dan kif jirrizulta minn vera kopja tac-certfikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.
2. Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li kien gie ppubblikat min-Nutar Dr. Fiona Farrugia fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), kopja fotostatika qiedgha tigi hawnannessa u mmarkata bhala Dok. B.

3. Illi r-ragel obbliga ruhu li jhallas il-manteniment fil-konfront tal-mara skond il-kuntratt ta' firda personali ppubblikat u li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kwalsiasi obbligu ta' manteniment gew effettivament regolati fl-istess kuntratt ta' firda personali ppubblikat u konsegwentement ma tezisti ebda kwistjoni f'dan ir-rigward.
4. Illi l-istess partijiet kellhom tifel bl-isem ta' C li twieled fid-dsatax (19) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) u li huwa ta' eta' maggorenni u li ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi kwalsiasi obbligi ta' manteniment gew effettivament regolati fl-istess kuntratt ta' firda personali ppubblikat u konsegwentement ma tezisti ebda kwistjoni f'dan ir-rigward.
5. Illi r-rikorrent iddiskutiet mal-konsulent legali taghha, hawn sottofirmata, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern u kkonkludiet li m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni.
6. Illi llum il-gurnata ghaddew aktar minn erbatax-il sena (14) mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti partijiet.
7. Illi in vista ta' dak premess, jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti A titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

a) Tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma ddivorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi; u
b) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skond il-ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimat deher quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-20 ta' Novembru, 2018 u kkonferma li ma kienx qed joggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrent u kkonferma ukoll li ilhom aktar minn erba' snin mifrudin.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom sseparati ghal aktar minn erba’ snin u sseparaw legalment skond kuntratt datat 5 ta’ Dicembru, 2003fl-atti tan-Nutar Dr. Fiona Farrugia.

Illi r-rikorrenti ppruvat ukoll illi m’hemmx pendenzi ta’ manteniment u ma kienet tezisti l-ebda cans ta’ rikonciljazzjoni bejniethom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gewn soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**